



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 12.12.2007  
KUMM(2007) 802 finali

2007/0281 (CNS)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-KUNSILL**

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1234/2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) rigward il-kwoti nazzjonali fuq il-ħalib**

(preżentata mill-Kummissjoni)

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

F'Ġunju 2003 il-Kunsill laħaq ftehim dwar għadd ta' bidliet fil-politika dwar il-prodotti tal-ħalib ta' l-UE bħala parti mir-Riforma tal-PAK ta' l-2003. Din ir-riforma saħħet il-bidliet li kienu miftehma fl-Aġenda 2000, u kellha tiġi implimentata fuq medda ta' snin.

Il-proposta oriġinali tal-Kummissjoni għar-Riforma ta' l-2003 tinkludi żieda fil-kwota ta' 2 % barra miż-żidiet li diġà kienu miftehma fl-Aġenda 2000. Madankollu, fil-kompromess ta' Ġunju 2003, il-Kunsill iddikjara li *“L-ebda żieda addizzjonali fil-kwota fl-2007 u l-2008 mhi se tkun deċiża issa. Il-Kummissjoni se tippreżenta rapport ta' prospettiva dwar is-suq wara li r-riforma tkun implimentata kompletament, u tittieħed deċiżjoni abbażi tiegħu.”*

Minħabba l-iżviluppi dinamiċi li saru din is-sena fis-swieq tal-ħalib, u minħabba li l-unika parti tar-riforma ta' l-2003 li għadha ma ġietx implimentata hija żieda ta' 0.5 % fil-kwota fl-1 ta' April 2008 għal 11-il Stat Membru, huwa kkunsidrat xieraq li tkun provduta l-analiżi tas-suq mitluba mill-Kunsill f'dan il-ħin. Ir-Rapport ta' Prospettiva dwar is-Suq għas-settur tal-ħalib li jakkompanja din il-proposta fih din l-analiżi. B'hekk, ir-rapport jindirizza l-kwistjoni dwar jekk is-suq joffri biżżejjed opportunitajiet għall-provvista ta' kwantitajiet addizzjonali ta' ħalib, mingħajr ma jirriżulta f'żieda ta' appoġġ pubbliku fil-medda ta' żmien qasir u/jew medju, jekk il-kwoti nazzjonali kellhom jiġu estiżi għas-27 Stat Membru.

Ir-rapport jikkonkludi li kemm il-prospettiva tas-suq ta' l-UE kif ukoll dik tas-suq dinji huma pożittivi u l-analiżi li saret għal żieda ta' 2 % fil-produzzjoni tal-ħalib fl-UE turi li s-suq joffri bla diffikultà opportunitajiet għal dawn il-kwantitajiet addizzjonali.

Il-Kummissjoni, waqt li tissodisfa t-talba tal-Kunsill biex tipprovdi bażi li fuqha tista' tittieħed deċiżjoni dwar żieda fil-kwoti, tikkonkludi li ż-żieda ta' 2 %, proposta l-ewwel darba bħala parti mir-Riforma ta' l-2003, tista' tkun implimentata mill-perjodu tal-kwota fuq il-ħalib ta' l-2008/2009. Għalehekk, proposta għal żieda ta' dan it-tip hija mniżżla hawn taħt.

Proposta għal

## REGOLAMENT TAL-KUNSILL

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1234/2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) rigward il-kwoti nazzjonali fuq il-ħalib**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 37 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni<sup>1</sup>,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew<sup>2</sup>,

Billi:

- (1) L-Anness IX għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007<sup>3</sup> (ir-Regolament Waħdieni dwar OKS) jistabbilixxi l-kwoti nazzjonali ta' ħalib għas-seba' perjodi ta' 12-il xahar li jibdeu fl-1 ta' April 2008 fi ħdan is-sistema tal-kwota tal-ħalib għal-limitazzjoni tal-produzzjoni.
- (2) L-Artikolu 66(3) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 jipprovdi li dawk il-kwoti nazzjonali huma stabbiliti mingħajr preġudizzju għal reviżjoni possibbli fid-dawl tas-sitwazzjoni ġenerali tas-suq u kondizzjonijiet partikolari eżistenti f'ċerti Stati Membri.
- (3) Il-Kunsill talab li l-Kummissjoni twettaq rapport ta' prospettiva dwar is-suq meta kienu ġew implimentati għal kollox ir-riformi ta' l-2003 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib bil-ħsieb li jiġi evalwat jekk l-allokazzjoni ta' kwoti addizzjonali kinitx xierqa.
- (4) Dan ir-rapport sar<sup>4</sup> u kkonkluda li s-sitwazzjoni attwali tas-swieq tal-Komunità u tad-dinja u s-sitwazzjoni tagħhom prevista għall-perjodu sa' l-2014, jiġġustifikaw żieda addizzjonali ta' 2 % fil-kwota biex iktar ħalib ikun jista' jkun prodott fil-Komunità biex jgħin biex jintlaħqu r-rekwiżiti tas-suq emerġenti għal-prodotti tal-ħalib.
- (5) Għalhekk, huwa xieraq li ssir żieda ta' 2 % fil-kwota ta' l-Istati Membri kollha kif jidher fl-Anness IX għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 mill-1 ta' April 2008.

---

<sup>1</sup> ĠU C ..., ..., p. ....

<sup>2</sup> ĠU C ..., ..., p. ....

<sup>3</sup> ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

<sup>4</sup> COM(2007) ....

(6) Għalhekk, ir-Regolament (KE) Nru 1234/2007 għandu jiġi emendat kif xieraq,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-Punt 1 ta' l-Anness IX għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 jinbidel fit-test fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill  
Il-President*

## ANNEX

### 1. Kwoti nazzjonali

Stat Membru	Kwantitajiet ( <i>tunnellati</i> )
Il-Belġju	3 427 288,740
Il-Bulgarija	998 580,000
Ir-Repubblika Ċeka	2 792 689,620
Id-Danimarka	4 612 619,520
Il-Ġermanja	28 847 420,391
L-Estonja	659 295,360
L-Irlanda	5 503 679,280
Il-Greċja	836 923,260
Spanja	6 239 289,000
Franza	25 091 321,700
L-Italja	10 740 661,200
Ċipru	148 104,000
Il-Latvja	743 220,960
Il-Litwanja	1 738 935,780
Lussemburgu	278 545,680
L-Ungerija	2 029 861,200
Malta	49 671,960
L-Olanda	11 465 630,280
L-Awstrija	2 847 478,469
Il-Polonja	9 567 745,860
Il-Portugall	1 987 521,000
Ir-Rumanija	3 118 140,000
Is-Slovenja	588 170,760
Is-Slovakkja	1 061 603,760
Il-Finlandja	2 491 930,710
L-Iżvezja	3 419 595,900
Ir-Renju Unit	15 125 168,940

# DIKJARAZZJONI FINANZJARJA

1. LINJA TAL-BAĠĠIT: 05 02 12		APPROPRJAZZJONI IET: EUR 167 000 000.		
2. TITLU: Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1234/2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) rigward il-kwoti Nazzjonali fuq il-ħalib.				
3. BAŻI ĠURIDIKA: L-Artikolu 37 tat-Trattat.				
4. GĦANIJET: Żieda ta' 2 % fil-kwota fuq il-ħalib fl-1 ta' April 2008 biex tiġi ffaċilitata l-produzzjoni suffiċjenti tal-ħalib fl-Unjoni Ewropea.				
5. IMPLIKAZZJONIJIET FINANZJARJI	PERJODU TA' 12-IL XAHAR (EUR miljun)	SENA FINANZJARJA ATTWALI 2008 (EUR miljun)	SENA FINANZJARJA KONSEGWENTI 2009 (EUR miljun)	
5.0 NEFQA – MĦALLSA MILL-BAĠĠIT TAL-KE (RIFUŻJONIJIET/INTERVENTI)	p.m.	p.m.	p.m.	
5.1 DĦUL – RIŻORSI PROPJI TAL-KE (IMPOSTI/DAZZI TAD-DWANA)	–	–	–	
5.0.1 NEFQA STMATA	2010	2011	2012	2013
5.1.1 DĦUL STMAT	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.
5.2 METODU TA' KALKOLU: –	–	–	–	–
6.0 JISTA' IL-PROĠETT Jiġi FINANZJAT MILL-APPROPRJAZZJONIJIET INKLUŻI FIL-KAPITOLU RELEVANTI TAL-BAĠĠIT ATTWALI?				<del>IVA LE</del>
6.1 JISTA' IL-PROĠETT Jiġi FINANZJAT MINN TRASFERIMENT BEJN IL-KAPITOLI TAL-BAĠĠIT ATTWALI?				<del>IVA LE</del>
6.2 IKUN MEĦTIEĠ BAĠĠIT SUPPLIMENTARJU?				<del>IVA LE</del>
6.3 JEĦTIEĠ LI JIDDAĦĦLU APPROPRJAZZJONIJIET F'BAGĠITS TAL-ĠEJJENI?				<del>IVA LE</del>
OSSERVAZZJONIJIET:				
1) Il-proposta m'għandha l-ebda impatt fuq in-nefqa amministrattiva.				
2) Skond l-analiżi ta' l-impatt ta' żieda ta' 2 % fil-kwota fuq il-ħalib permezz tal-mudell ta' AGLINK ta' l-OECD, il-biċċa l-kbira taż-żieda fil-produzzjoni tal-ħalib se tkun ikkunsmata fis-swieq interni, u l-prezzijiet tas-suq ta' l-UE se jibqgħu oġhla mill-livelli tal-prezz ta' interventi. Għalhekk, ma jkunx hemm bżonn li l-għajnuniet għall-konsum fis-suq intern jerġgħu jkunu introdotti.				
Mil-lat ta' l-esportazzjoni, il-mudell ta' l-AGLINK jipprevedi li l-UE tista' terġa' tiggwadanja ftit mill-kwantitajiet fuq is-swieq ta' esportazzjoni tal-pajjiżi terzi wara ż-żieda fil-kwota. Din iż-żieda fil-kwantitajiet mhijiex mistennija tinfluwenza l-prezz tas-suq dinji b'tali mod li tkun meħtieġa l-introduzzjoni mill-ġdid ta' esportazzjoni.				
Barra minn hekk, saret assunzjoni li l-kwota miżjuda kollha se tkun prodotta. Fil-każ li ma jirriżultax f'dan, il-bidla fil-kwantitajiet għall-esportazzjoni tkun inqas mir-riżultat mill-mudell, kif indikat fl-Anness II għar-rapport ta' prospettiva dwar is-suq tal-ħalib.				